**QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**

**BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**

**MAĠISTRAT**

**DR RACHEL MONTEBELLO B.A. LL.D.**

**Kumpilazzjoni Nru.: 641/2022**

**Il-PULIZIJA**

**(Spettur Ian Vella)**

**-Vs-**

**Claudio Mallia**

**Illum, 14 ta' Novembru 2022**

**Il-Qorti,**

Rat l-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront ta' **CLAUDIO MALLIA** ta' 40 sena, iben Anthony Mallia u Rita xebba Cuschieri, imwieled il-Pieta' nhar 08 ta' Ottubru 1981, u residenti ġewwa Bieb A, Flt 7 Triq Sant Orsola, Valletta detentur tal-karta ta' l-identita' 557681M, li ġie akkużat talli bejn it-28 ta' Ottubru 2022 u 31 ta' Ottubru 2022 f'ħinijiet differenti ġewwa Santa Venera :

1. Ikkometta serq ta' flus li l-valur tagħhom jaqbeż il-mitejn u tnejn u tletin Euro u erbgħa u disgħin ċenteżmu (Euro 232.94) iżda mhux iktar minn elfejn tliet mija

u disgħa u għoxrin Euro u sebgħa u tletin ċenteżmu (Euro 2,329.37), minn ġewwa l-fond bl-isem Centro Moda għad-detriment ta' Philip Camilleri, liema serq huwa aggravat bil-mezz, bil-valur u bil-ħin.

2. Aktar talli ikkometta serq ta' flus li l-valur tagħhom jaqbeż il-mitejn u tnejn u tletin Euro u erbgħa u disgħin ċentezmu (Euro 232.94) iżda mhux iktar minn elfejn tliet mija u disgħa u għoxrin Euro u sebgħa u tletin ċenteżmu (Euro 2,329.37), minn ġewwa l-fond bl-isem Lucy Makeup Store għad-detriment ta' Claire Camilleri, liema serq huwa aggravat bil-mez, bil-valur u bil-ħin.

3. Aktar talli ikkaġuna ħsara volontarja jew għarraq ħwejjeg ħaddiehor, mobbli jew imobbli, u ċioe' fil-propjetajiet ta' Centro Moda għad-detriment ta' Philip Camilleri u ta' Lucy Makeup Store għad-detriment ta' Claire Camilleri, liema ħsara teċċedi l-ammont ta' elfejn u ħames mitt euro (€2500).

4. U aktar talli irrenda ruħu bħala reċidiv ai termini tal-artikoli 49, 50 u 289 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta, liema sentenzi saru definittivi u ma jistgħux jiġu mibdula.

Il-Qorti hija ukoll mitluba sabiex f kaz ta' ħtija tikkundanna lill-imputat għall-ħlas ta spejjeż li jkollhom x'jaqsmu mal-ħatra ta' esperti jew periti fil-proċeduri.

Semghet lill-Ufficjal Prosekutur jaqra l-akkuzi u jikkonfermahom bil-gurament u rat id-dokumenti ppreżentati flimkien mal-akkużi;

Semgħet lill-imputat fl-4 ta' Novembru 2022 iwieġeb mhux ħati tal-imputazzjonijiet kollha miġjuba kontrih;

Semghet lill-imputat waqt is-seduta tal-14 ta' Novembru 2022 jirreġistra ammissjoni u jiddikjara li huwa ħati tal-akkużi;

Il-Qorti wissiet lill-imputat dwar il-konsegwenzi legali tal-ammissjoni tiegħu u wara illi kkonċedietlu ħin biex jirrikonsidra din id-dikjarazzjoni ta' htija u sabiex jerga' jikkonsulta mad-difensur tiegħu, kif ukoll wara li spjegatlu n-natura u s-serjeta` tal-reati li jinsab mixli bihom u l-piena erogabbli, semgħet lill-imputat jikkonferma l-ammissjoni tal-ħtija tiegħu.

Rat id-dokument esebit mill-Uffiċjal Prosekutur b'indikazzjoni tal-valur tal-ħsarat sofferti minn Philip Camilleri fl-istabbilitment Centro Moda Limited (Dok. IV1);

Rat l-atti kollha tal-proceduri;

Semghet is-sottomissjonijiet tal-Prosekuzzjoni u tad-difiża dwar il-piena;

Ikkunsidrat;

Illi fuq l-ammissjoni volontarja u inkondizzjonata tal-imputat, fil-preżenza tal-Avukat difensur tiegħu, il-Qorti m'ghandhiex triq ohra salv li ssibu ħati tal-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tiegħu u kif minnu ammessi.

Għall-fini tal-piena il-Qorti ħadet in konsiderazzjoni l-fedina penali tal-imputat li huwa wieħed oneruż u li minnha jirriżulta li l-imputat odjern diġa' ġie kundannat ripetutament għad-delitt ta' serq u diversi drabi ġie kkundannat piena ta' priġunerija. Mis-sottomissjonijiet li saru mill-Prosekuzzjoni u mid-difiża, jirriżulta li l-imputat għandu problema akuta ħafna ta' dipendenza fuq id-droga, liema dipendenza qiegħda evidentement twassal biex jikkommetti reati kriminali biex imantni dan il-vizzju. Il-Qorti tqis illi l-vizzju tad-droga mhuwiex skużanti u lanqas mitiganti iżda jfisser illi l-imputat huwa ta' theddida serja għas-soċjeta' u qabel jerġa' jingħaqad mas-soċjeta' jeħtieġ li jirriforma ruħu permezz ta' programm ta' rijabilitazzjoni mandatorja u strutturata li jassigura illi huwa jinħeles mill-vizzju tad-droga darba għal dejjem u kwindi mill-kaġun tal-kondotta kriminali sistematika tiegħu.

Fil-kalibrazzjoni tal-piena, il-Qorti kkunsidrat illi r-reati addebitati fit-tielet imputazzjoni evidentement ġew kommessi bħala mezz għall-fini biex jitwettaq ir-reat ta' serq u għalhekk bl-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 17(h) tal-Kap. 9, għandha tinghata l-piena għar-reat l-iktar gravi li f'dan il-każ hu dak ta' serq.

**Għal dawn il-motivi, wara li rat l-Artikoli 17, 20, 31, 49, 50, 261(b)(ċ)(f), 263, 264, 267, 270, 278(3), 280(2), 289 u 325(a)(b) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, fuq ammissjoni qiegħda ssib lil CLAUDIO MALLIA ħati tal-imputazzjonijiet kollha u tikkundannah sentejn priġunerija effettiva.**

**Għall-fini tal-Artikolu 412D tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, tordna wkoll il-hrug ta' Ordni ta' Trattament ghal perijodu ta' sentejn fil-konfront tal-ħati CLAUDIO MALLIA biex jinghata t-trattament kollu meħtieġ biex jeghleb il-vizzju tal-abbuz mid-droga, taht it-termini u kundizzjonijiet elenkati fid-digriet moghti kontestwalment. Billi tqis illi bħala parti minn dan it-trattament jista' jeħtieġ illi l-ħati jagħmel programm residenzjali biex jinħeles mill-vizzju tad-droga, tirrakkomanda lill-Kap Eżekuttiv tal-Aġenzija għas-Servizzi Korrettivi jippermetti li l-ħati jipparteċipa f'dan il-programm waqt li jkun qiegħed jiskonta l-piena ta' priġunerija.**

**Il-Qorti tordna illi din is-sentenza u l-Ordni ta' Trattament jiġu notifikati lid-Direttur tas-Servizzi ta' Probation u Parole kif ukoll lill-Kap Eżekuttiv tal-Aġenzija tas-Servizzi Korrettivi għall-fini tal-implementazzjoni tal-istess Ordni waqt li l-ħati jkun qed tiskonta l-piena ta' prigunerija.**

**B'applikazzjoni tal-Artikolu 15A tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, tordna lil CLAUDIO MALLIA jħallas lil Philip Camilleri jew Centro Moda Limited is-somma komplessiva ta' tliet elef Euro (€3,000) rappreżentanti kumpens għat-telf soffert b'riżultat tal-kommissjoni tar-reati li qed jinstab ħati tagħhom, u lil Claire Camilleri jew Lucy Makeup Store, is-somma ta' erba' mija u ħamsa u għoxrin Euro (€425), liema ammonti għandhom jitħallsu *in toto* fi żmien tmintax**

**(18)-il xahar mid-data meta tkun ġiet skontata l-piena ta' priġunerija. Dan l-ordni għandu jikkostitwixxi titolu eżekuttiv għall-finijiet u l-effetti kollha tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili.**

**Billi ma jirriżultax li gew maħtura xi esperti f'dawn il-proceduri jew fil-*proces-verbal* tal-inkjesta, tastjeni milli tieħu konjizzjoni tat-talba magħmula mill-Prosekuzzjoni taħt l-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.**

**DR. RACHEL MONTEBELLO (ft)**
**MAĠISTRAT.**